# Charles Camilleri – Għaxar snin minn mewtu

Peter Paul Ciantar

Illum xtaqt nikteb dwar anniversarju ieħor… tal-kompożitur Malti Charles Camilleri li miet għaxar snin ilu, biex inkun preċiż miet fit-3 ta' Jannar, 2009, fl-età ta' 77 sena. Charles, kif ħafna kienu jsejħulu, baqa' attiv fil-mużika kważi sal-aħħar. Waqaf biss meta marad, xi ftit xhur qabel ma miet. Ngħidilkom minnufih li l-enerġija mużikali tiegħu kienet tagħmlu żagħżugħ. Jiena nafu personalment xi ftit, sa minn meta ġie lura Malta mill-Kanada u dejjem kien jitkellem miegħi dwar xi proġetti mużikali ġodda.

Jiena sifirt miegħu darba għax it-tnejn konna parti minn delegazzjoni Maltija u ngħidilkom, ħbieb tiegħi, kien ta *lecture* dwar l-għeruq tal-mużika Maltija li f'ħajti qatt ma smajt bħalu. Għaġġeb lil kulħadd.

Niftakar li f'xi passiġġati li għamilna flimkien dejjem tkellimna dwar il-mużika. Issa jgħidli li qed jikkomponi l-kunċert tal-pjanu No. 3 'Leningrad' ikkummissjonat u li kien se jindaqq għall-ewwel darba r-Russja, u filli jgħidli li għandu affarijiet oħra li jrid ilesti. Niftakar sewwa li kien urieni l-passaport kollu timbri ta' ġej u sejjer barra minn Malta. Insomma, enerġija kbira.



Għadni qed narah jidħol f'kull librerija mużikali li jara fit-triq biex jara jilmaħx diski tal-mużika tiegħu. Kien ifur bil-ferħ meta kien jilmaħ xi album tiegħu mad-diski l-oħra. Kien isejjaħli biex naqsam miegħu dan il-ferħ intern. Wara kien iħares ukoll lejn il-kotba, l-aktar lejn id-dizzjunarji tal-mużika, u jifli sewwa jekk jarax ismu jew le. Kien jifraħ immens u bir-raġun għax kulħadd uman, xħin jara li fost l-ismijiet tal-kompożituri kontemporanji jkun hemm ismu.

## Fama kbira

Charles dejjem xtaq li l-mużika tiegħu ma tkunx biss esegwita f'Malta iżda wkoll barra minn Malta; u fl-opinjoni tiegħi rnexxielu sewwa għax Charles Camilleri għandu fama kbira ta' wieħed mill-aqwa kompożituri kontemporanji Maltin.

Jiena kont sirt nafu meta introduċa f'pajjiżna l-famuża *'Malta Suite'* li jiena dejjem nistqarr li hija pilastru importanti fir-repertorju Malti. Kienet mużika li ħasdet lil kulħadd għall-fatt li mill-għeruq tal-mużika Maltija (mużika folkloristika) Charles Camilleri għamel *suite* orkestrali li tassew issaħħrek. Kien qalli f'intervista li għat-tielet moviment tagħha (*'nocturne'*) kien immaġina għannej taħt is-siġar tal-Buskett jgħanni fil-lejl tal-Imnarja. Qalli wkoll, u għadni niftakar preċiż, li l-aħħar numru ta' din il-kompożizzjoni li jiddiskrivi l-festa Maltija (*'Village Festa'*) huwa kien immaġina liż-żewġ baned tal-Ħamrun, San Gejtanu u San Ġużepp, mat-tokki tal-qanpiena jitilqu flimkien biex jagħtu bidu għall-marċ ta' filgħodu ta' nhar il-festa ta' San Gejtanu. Fil-fatt, dan ix-xenarju jinħass sewwa f'dan il-moviment u tisma' sewwa b'ħoss tassew sabiħ it-tluq taż-żewġ baned fil-marċ ta' filgħodu. Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li Charles Camilleri twieled il-Ħamrun.

Niftakru wkoll sewwa meta jiena kont fil-kumitat tad-Dipartiment tal-Kultura u l-kumitat ikkummissjunah biex jikkomponi tone poem bl-isem 'LIL DIN L-ART ĦELWA'. Kien imtela bl-entużjażmu u meta lesta l-kompożizzjoni qalli li xtaq li din tkun bħal *'Filandia'* … tone poem patrijottika għax Charles Camilleri kien tassew patrijott mużikali, dejjem jinfilsa l-għeruq tal-mużika Maltija fil-kompożizzjoni tiegħu.

## 'Pawlu ta' Malta'

Jiena dejjem ngħid li l-akbar ferħ tiegħu għax-

xogħlijiet mużikali li kkompona huwa l-Oratorju 'Pawlu ta' Malta' li minn meta ndaqq l-ewwel darba kien kiseb suċċess kbir. Dan is-suċċess għadu u jibqa' għax l-ispirtu reliġjuż Malti qiegħed hemm fil-kompożizzjoni. Wara din il-ħeġġa tal-Oratorju, versi ta' Oliver Friggieri, niftakru sewwa jgħidli li issa jmiss opra Maltija u *ballet* Malti. Irnexxielu wkoll.



L-aħħar xogħol mużikali tiegħu li smajt kien is-sena l-oħra (f'Lulju) fit-Teatru ta' Dar il-Mediterran, il-Belt Valetta. Dakinhar kont smajt il-Kunċert għall-Pjanu Nru. 1 tiegħu … 'Mediterran' … u ngħidilkom is-sewwa qatt f'ħajti ma smajtu isbaħ minn dakinhar. Bejni u bejn ruħi għedt … x'kunċert sabiħ ikkompona Charles Camilleri! Sa mill-ewwel battuti tiegħu jdaħħlek f'xenaraju mużikali Mediterranju --- Malta fuq quddiem. Dan huwa wieħed mill-ewwel xogħlijiet mużikali tiegħu u miktub fl-1948 (Charles Camilleri ta' 17-il sena) u rrivedut 30 sena wara (Charles Camilleri fl-aqwa tiegħu).

Charles mill-bidu nett kellu l-mużika fokloristika ta' pajjiżu l-bażi tiegħu fil-kompożizzjoni. Dan wasslu biex jifrex il-ħsibijiet mużikali tiegħu f'diversi forom mużikali. Ikkompona aktar minn mitt biċċa xogħol għall-orkestra, mużika da camera u aktar. Influwenzat ukoll minn ħsejjes Afrikani u Asjatiċi u dan jitħallat ukoll ma' studju akkademiku mużikali Ewropew. Charles Camilleri għandu stil mużikali partikulari. Ħafna pajjiżi daqqew il-mużika tiegħu u tassew tathom sodisfazzjon kbir.


# www.facebook.com/lourdes-confraternity-qrendi-malta

**MANGION BROS LTD** **MANBROS BLOCKS LTD**





Valletta Road, Żurrieq

Tel: 2164 9590
2164 2649

Mob: 9949 2624
9949 2625

Email: mangionbrothers@gmail.com

**BUILDING CONTRACTORS**
**Concrete Mix and Crane Hire**

**MANUFACTURERS OF FINE QUALITY BRICKS**





# SIĠĠIEWI VEHICLE SERVICES

VRT Garage - Attard Victor

Triq Burgabrun, Siġġiewi, Malta, SGW 2646
Tel: 2146 6111 Mob: 9949 8736
Fax: 2146 2635 E-mail: victora1@go.net.mt